MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 97/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
***OMMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A*, ta' *ommissis*-il sena, iben *ommissis* u *ommissis* imwielda *ommissis*, imwieled *ommissis*, residenti gewwa *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*.

Illi huwa akkuzat:

1. Talli fit-30 ta' Jannar 2009 ghall-habta ta' 13:00hrs gewwa ghalqa li tinsab hdejn Kwartier San Nikola, Bormla, b'eghmil zieni kkorrompa lil *Ommissis B*, minuri

ta' *ommissis* snin li hija l-kugina tieghu u bhala membru domestiku;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess minuri *Ommissis B*;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel atti sesswali ma' l-istess minuri *Ommissis B*;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

In oltre', il-Qorti hija mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-Ligi ai terminu ta' l-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta' membru domestiku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l- artikoli elenkati mill- Avukat Generali taht liema artikoli din il- Qorti tista' ssib htija fl-imputat (fol.67);

Rat il-verbal tal-17 ta' Mejju 2010 (a fol.73) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 6 ta' Awwissu 2009 u datat 29 ta' Ottubru (a fol.57 u fol.63 rispettivament);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tikkoncerna akkuzi ta' korruzzjoni ta' tifla ta' *ommissis* (*ommissis*) snin, kugina ta' l-imputat, mill-istess imputat, li kien minuri ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena meta twettaq dan ir-reat. L-atti sesswali li saru fuq din it-tifla huma l-mess ta' sidien, tal-partijiet privati taghha. Dan gara f'okkazzjoni unika. Illi mic-certifikat mediku jirrizulta illi ma kienx hemm griehi fuq il-minuri jew fuq il-partijiet intimi taghha u l-*hymen* taghha ghadha intatta (ara certifikat mediku Dok.FF4 a fol.19).

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ghamel ammissjoni piena ta' dak kollu li ghamel. Di piu' l-istqarrija tieghu tikkombaca perfettament ma' dak kollu li qalet il-minuri fl-istqarrija taghha (ara Dok.FFX a fol.77 u 78).

Illi l-Artikolu 203 illi jikkoncerna r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jipprovdi:

*"203. (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' that l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha: cirkostanzi aggravanti.*

*Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta’ prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f’kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-età ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza;*

*(b) jekk id-delitt isir b’theddid jew b’qerq;*

*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mittutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.*

*(2) Id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 197(4) tghodd ukoll ghad delitt imsemmi f ’dan l-artikolu, meta d-delitt isir minn axxendent jew tutur.*

*(3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda provediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*

*Izda, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn wahda mic-cirkostanzi ta’ fatt jew ta’ persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (c), il-kwerela ma tkunx izjed ammissibbli wara sena minn dak in-nhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd taghmel il-kwerela minflok il-parti offiza:*

*Izda, ukoll, jitmexxa ex officio –*

*(a) fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso ta’ l-artikolu 544;*

*(b) meta l-eghmil isir b’abbuz tas-setgha ta’ genitur jew ta’ tutur.”*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta’ Jannar 1996, ikkonfermat:

*‘As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.’*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*‘Tifel ta’ appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita’ morali tal-minorenni.’*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettqu l-imputati, u cioe’, l-mess ta’ partijiet genitali tal-minuri, jinkwadraw perfettament taht dak illi l-ligi tikkategorizza bhala ‘lewd acts’ jew atti di libidini’.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta’ Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*‘Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta’ travjament morali tant komplet li difficli wiehed*

*jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Illi bla dubbju ta' xejn u kif jirrizulta anka mill-istqarrija tal-minuri, l-Qorti hija tal-fehema illi l-atti di libidini, prattikati mill-imputat (illi kien ghadu minuri) fuq il-kugina tieghu, minuri ta' *ommissis* snin, certament halliet effett korrussiv fuq din it-tifla.

Din il-Qorti, in oltre, ma tistghax ma taghtix piz ghal fatt illi l-imputat kien ghadu minorenni meta wettaq dan ir-reat u ghaldaqstant jimmerita minn tnaqqis tal-piena ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat ***Ommissis A*** hati skond l-akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzat fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat l-Artikoli 203(1)(a)(b), 207, 204C(1), 209, 31 (1)(b)(vii)(viii)(c) u 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Di piu', ai termini ta' l-Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologa Roberta Holland ghal perijodu ta' tmintax (18)-il xahar, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Roberta Holland.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Roberta Holland.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat kien minorenni meta wettaq ir-reat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi l-atti di libidini prattikati mill-imputat fuq din it-tifla ma kienux, fl-*ispectrum* ta’ atti di libidini fost dawk l-aktar pezanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------